MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 42

4 ta` Dicembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fl-erbgha u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUZAT B`ITTRA TA` APOLOGIJA:**

Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### Qari tal-ittri ta` apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa talab li jigi skuzat minhabba li jrid jattendi tutorial ta` course tax-xoghol stess. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

### 42.1 Korrispondenza

42.1.1 Giet moqrija ittra li ntbghatet lill-ALDA li laqgha li kellha ssir relatata mall-progett LADDER ma saritx. Gie proponut li laqgha ssir fix-xahar ta` Jannar. Dwar dan ninfurmaw lill-project manager.

42.1.2 Prezentati permessi li gew applikati mall-Awtorita tal-Ippjanar fil-lokalita tal-Birgu fejn fost ohrajn hemm l-applikazzjoni ta` Edwin Camilleri sabiex minn confectionery Class 4B jsir Restuarant Class 4D u applikazzjoni ghar-restawr tal-Armerija.

42.1.3 Giet moqrija ittra li ntbghtatet mill-kumpanija G4S li l-cameras tal-pjazza ser jibdew jahdmu mill-Gimgha 1 ta` Dicembru 2017. Dwar dan il-punt gie deciz unanimament li ssir zebgha bil-kliem un/loading fejn il-parkeggi ta` nofs. Il-Kunsill qabel unanimament li tinghata consession ta` 7 minuti ghar-residenti li joghqodu fil-pjazza u jkunu jridu jbattlu xi xirja jew xi bzonnijiet ohra.

42.1.4 Prezentata Cirkulari 35/2017 :Indikatur tal-Qaghda Finanzjarja fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat il-qaghda finanzjarja tieghu sa` l-ahhar ta` Settembru 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li l-accountant kien qed jiehu hsieb ilesti dan ir-rapport fl-iqsar zmien possibli.

42.1.5 Mibghut invit mill-Malta Arts Council ghall-workshop li ser ssir mill-istess Arts Council it-Tnejn 4 ta` Dicembru 2017.

42.1.6 Mibughta ittra ta` ringrazzjament mis-Sinjura Ritianne Stanyer dwar id-decizjoni tal-Kunsill rigward il-progett tas-simenta.

42.1.7 Mibught invit mid-DLG dwar seminar li ser ssir nhar il-Hamis 14 ta` Dicembru gewwa Le Meridien dwar Europe for Citizens Programmes.

42.1.8 Mibughta korrispondenza mill-Assoccjazzjoni ALDA dwar free workshops li ser ssiru dwar local policy makers. Ghal dawn il-workshops jridu jattendu hmistax il-partecipant minn pajjizi differenti. Dawn il-workshops ser ssiru bejn Jannar u Frar 2018 gewwa Vincenza, Italja.

42.1.9 Is-Sur Boxall spjega x`gara dwar il-lanca li tellghet it-Toqba, fejn il-Kunsill gie zgwidat mis-sidien ta` din il-lanca. Il-Kunsill ma kienx jaf li lanca kienet ta` dak il-kobor u li tellghet minn taht il-bahar. Is-Sur Gellel qal li dan il-permess inghata minghajr mall-membri tal-Kunsill gew mgharrfa. Is-Sindku qal li dan il-permess inghata ghax is-sid ta` dghajsa zgwida lill-Kunsill fejn il-Kunsill gie mgharraf li din il-lanca ser titella` fuq l-art biex issiru tiswijiet mehtiega. Is-Sur Mizzi qal li fil-lokalita tal-Isla tnehhew id-dghajjes kollha flimkien bl-ghajnuna ta` Transport Malta. Wara diskussjoni gie deciz li jinghata zmien stipulat (15-il gurnata) sabiex titnehha din id-dghajsa u jekk dan ma jsirx jittiehdu l-passi neccessarji flimkien mall-Awtoritajiet. Is-Sur Mizzi qal li huwa ferm difficli li din titnehha sa` Frar sakemm inghata l-permess u b`hekk il-Kunsill ser jispicca jidhol fi spiza biex nifthu kawza l-qorti. Is-Sur Boxall qal li mill-llum `il quddiem kull min jigi biex itella` xi opra tal-bahar jrid igib ir-ritratti tal-lanca. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

42.1.10 Mibughta ittra bl-avukat minghand is-Sinjura Janet Koroglu dwar incident li sehh minhabba hofra li hemm fi Triq San Filippu. Din is-sinjura qed tifttex il-Kunsill ghad-danni li garbet. Il-Kunsill ser jirreferi din l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill ghal parir tieghu.

42.1.11 Mibughta ittra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp, fejn talbu ghan-no objection mill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jaghmlu tower crane pole fiz-zona maghrufa ta Xewkija ghal matul il-festa ta` San Guzepp f`Lulju 2018. Dan it-tower crane ser jintuza is-Sibt 14 ta` Lulju 2018 imma ser jintrama gimgha qabel il-festa u jitnehha kompletament gimgha wara. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li tintalab site plan b`indikazzjoni ezatt ta` fejn ser jintrama

tower crane u wara li zewg partijiet jiltaghqaw biex jigu ccarati punti qabel jinghata l-permess.

## 42.2 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fil-hamsa  u nofs ta` filghaxija (5:30pm). Il-seduta tal-laqgha li jmis giet aggornata ghall-Erbgha 27 ta` Dicembru fl-erbgha ta` filghaxija.

Konfermati llum Il-Hamis 4 ta` Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |